# CARLO DARMANIN
# MARMISTA U SKULTUR FIL-KARTAPESTA

## ĦSIBIJIET U OSSERVAZZJONIJIET F'GĦELUQ IL-MITT SENA MILL-MEWT



*Carlo Darmanin*

Fuq l-istatwarju Carlo Darmanin (1825 –1909) inkiteb ħafna. Karlozz, kif kien magħruf fi żmienu, twieled l-Isla f'dar li kienet iġġib in-numri 174, 175 u 176 fi Triq il-Vitorja nhar it-30 ta' Awwissu 1825, wieħed mis-seba' wlied tal-marmista Giuseppe Darmanin u martu Maria Cumbo. Il-familja baqgħet tgħix l-Isla saħansitra anke wara li Carlo żżewweġ lil Anna Ready fl-1848. Aktar tard lejn is-sena 1884, Carlo Darmanin flimkien mal-familja numeruża tiegħu marru joqogħdu f'dar numru 29, Strada Reale, l-Ħamrun.[1] Hemmhekk Karlozz kellu wkoll l-istudju fejn kien jaħdem. Carlo Darmanin miet fis-26 ta' Novembru 1909, ft-eta' ta' 84 sena fid-dar tiegħu fil-Ħamrun u jinsab midfun fil-qabar tal-Fratellanza tas-Santissima Trinità tal-Isla, li tagħha kien fratell attiv, fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata (Qabar numru 67).

Jeżistu diversi ritratti ta' Carlo Darmanin meħudin fl-istudju tiegħu ma' bozzetti jew opri li jkun qed iħejji. Jingħad li kien bniedem kwiet u ta' karattru ġentili, rispettat minn kulħadd u bħala ġentlom ta' ħila kbira. F'età avanzata ġie saħansitra rikonoxxut bħala 'venerabbli', kemm għall-età kif wkoll għall-onestà tiegħu.[2] Xogħlu għadu magħna għalkemm iż-żmien u l-ħeġġa għall-ġdid u l-modern waslu biex xogħlijiet tiegħu ta' importanza intilfu, inqerdu jew twarrbu. Iżda jeżistu wkoll xogħlijiet fl-irħam xogħol Carlo li bosta minnhom għadhom ftit li xejn magħrufa. Tabilħaqq, Carlo Darmanin seta' beda l-karriera tiegħu bħala marmista għalkemm aktar tard sar imfittex ferm aktar għall-istatwi fil-kartapesta.

### L-Arti tal-Kartapesta

Jingħad li l-kartapesta daħħalha f'Malta l-iskultur Sqalli Saverio Laferla bejn l-1737 u 1742 meta ħadem sett vari proċessjonali għall-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri (ta' Ġieżu) tal-Belt Valletta.[3] Iżda dan ma jfissirx li ma kienx hawn xogħlijiet tal-kartapesta f'Malta qabel il-bidu tas-Seklu tmintax.[4] Fil-knisja Matriċi ta' Għawdex (il-Knisja Kattidrali tal-llum) jissemmew żewġ statwi tal-kartapesta li kienu fuq l-artal tal-Kurċifiss fl-1700.[5] L-arti tal-kartapesta kellha tieħu spinta qawwija fis-seklu dsatax partikolarment mill-Ingliżi ta' zmien ir-Reġina Vittorja li għarfu jsawwru biha għamara, dekorazzjoni arkitettonika u saħansitra djar.[6] Tabilħaqq din kienet industrija b'saħħitha b'numru ta' kumpanniji jispeċjalizzaw fix-xogħol tal-kartapesta u b'kull wieħed bit-teknika tiegħu. Mhux magħruf minn fejn Carlo Darmanin tgħallem it-teknika tal-kartapesta iżda żgur li t-teknika kienet reġgħet sabet popolarità kbira għalkemm f'Malta jidher li l-istatwi tal-kartapesta baqgħu jinħadmu. Skultur li kien kontra l-użu tal-kartapesta kien Mariano Girada (1771-1823) li kien iqisha bħala materjal inferjuri għall-injam.[7]



*Anna Ready, mart Carlo Darmanin*

### Xogħlijiet Bikrija ta' Carlo Darmanin fil-Kartapesta

L-ewwel xogħol fil-kartapesta ta' Carlo Darmanin kienet statwa tad-Duluri għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq li nħadmet fl-1851 u li l-iskultur stess irregala lill-knisja parrokkjali.[8] Tajjeb li nsemmu li Anna, l-mara ta' Carlo, kienet bint koppja Skoċċiżi li kienu joqogħdu Ħal Għaxaq. Lil din it-tfajla ta' nisel Skoċċiż Carlo Darmanin iżżewwiġha tliet snin qabel ma ħadem l-istatwa tad-Duluri.[9]



*L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li Carlo Darmanin ħadem għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi*

Diffiċli biex nifhmu kif kienet din l-istatwa ta' Carlo Darmanin għaliex jidher li fl-1901 setgħet ġiet rinovata jew mibdula ma' oħra xogħol l-istess skultur.[10] Tabilħaqq statwi bikrija fil-karriera ta' skultur huma l-aktar vulnerabbli għal tibdil u modifikazzjonijiet. B'xorti tajba l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi għadha tgħozz statwa tal-Madonna tar-Ruzarju li Carlo Darmanin ħadem disa' snin wara fl-1860. Diffiċli nifhmu jekk Carlo ħadimx statwi oħrajn bejn l-istatwa tad-Duluri għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq u tar-Rużarju għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi. Bħala skultur, Carlo żgur li kellu kompetizzjoni qawwija fil-bidu tal-karriera tiegħu. L-allievi ta' Mariano Girada kienu għadhom fl-aqwa tagħhom. Fl-1853, sentejn wara li Darmanin rregala l-istatwa tad-Duluri lill-Knijsa Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq, Pietro Paolo Azzoppardi naqqax il-vara titulari ta' Marija Bambina għall-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. Fis-sena 1851, jiġifieri fl-istess sena li żżanżnet id-Duluri ta' Darmanin, l-iskultur Peppi Vella lesta l-istatwa ta' Ġesù flaġellat għall-istess Knisja Parrokkjali.[11] Jidher li l-istatwa ta' Peppi Vella żżanżnet għall-Ġimgħa l-Kbira iżda l-istatwa rregalata minn Carlo Darmanin waslet u probabbilment iżżanżnet għall-festa tad-Duluri li ssir f'Settembru.[12]

Statwa oħra bikrija ta' Carlo Darmanin ġiet ikkummissjonata lill-iskultur f'Settembru 1862 mill-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja tal-Agostinjani tal-Belt Valletta.[13] Din il-kummissjoni tingħata ħdax-il sena wara d-Duluri ta' Ħal Għaxaq u sentejn qabel ma' Darmanin kellu jaħdem l-istatwa tat-Trasfigurazzjoni ta' Ħal Lija li nistgħu ngħidu li tagħtu r-reputazzjoni bħala l-aktar skultur importanti ta' żmienu fejn tidħol l-arti tal-kartapesta. L-att notarili li qed jiġi ppublikat għall-ewwel darba f'dan il-ktejjeb jiddeskrivi lil Carlo bħala *Maestro Marmoraro* (Marmista) li kien joqgħod l-Isla. L-Iskultur intrabat li jaħdem statwa tal-Madonna taċ-Ċintura skond buzzett approvat u taħt id-direzzjoni tal-artist Salvatore Barbara.



*Abbozz magħmul minn Carlo Darmanin ta' kif kellha ssir oriġinarjament l-istatwa tas-Salvatur ta' Ħal Lija li saret fl-1864*



*Abbozz magħmul minn Carlo Darmanin tal-istatwa Titulari ta' San Ġiljan li saret 1893 għar-raħal ta' San Ġiljan*

L-att notarili jagħti deskrizzjoni dettaljata ta' kif kellha tkun din l-istatwa. Il-Madonna kellu jkollha lil binha Ġesù f'ħoġorha jżomm globu b'salib żgħir fuqu f'idejh. Il-libsa tal-Bambin kellha tinżebagħ skond l-istruzzjonijiet ta' Barbara iżda l-mant tal-Madonna kellu jkun blu ċar u mżejjen bl-istillel. Kellha ssir ukol burdura fuq il-mant *a rilievo* u b'disinji għolja. Il-libsa tal-Madonna kellha tkun bajda bi fjuri lewn id-deheb fuqha u b'burdura simili għal dik ta' fuq il-mant iżda kemmxejn għola. Il-karnaġġjon, daqs tal-istatwa u dak kollu li ma jissemmiex fl-att notarili kellu jsir skond l-opinjoni ta' Barbara. Ix-xogħol kellu jsir għall-prezz ta' 20 lira sterlina iżda jekk ma titlestiex kif miftiehem sal-aħħar ta' Lulju, Darmanin kien jeħel penali ta' ħames liri Sterlina li jitnaqqsulu mill-ħlas dovut. Jidher li din l-istatwa wkoll intilfet maż-żmien għaliex dik li hemm illum hi ferm differenti u probabbilment xogħol tal-kartapesta minn Lecce (Italja).[14] Il-probabbiltà hi li din l-istatwa inbidlet wkoll.

## Marmista li Jispeċjalizza fil-Kartapesta

Jidher li Carlo baqa' jaħdem xogħol ta' marmista wara li beda jkun magħruf sew bħala skultur fil-kartapesta. Fl-1866, tliet snin wara li lesta l-istatwa tas-Salvatur għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija, Carlo ħadem il-fonti tal-magħmudija għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq.[15] Carlo kien ġej minn familja ta' marmisti Sengleani b'isem rispettabli fejn jidħol xogħlijiet fl-irħam. Jidher wkoll li x-xogħol ta' din il-familja ma kienx biss fuq lapidi tal-irħam u artali għaliex nsibu wċuħ tal-imwejjed maħdumin fl-irħam fin li dan l-aħħar qed jiġbdu l-attenzjoni ta' xi studjużi. Bosta minn dawn jinsabu l-Ingilterra u jidher li nxtraw minn uffiċċjali u residenti Ingliżi f'Malta mingħand l-ħanut tal-familja.[16]



*L-aħwa Darmanin: Michele, Paolo, Salvatore, Carlo u Giovanni, li flimkien ma' missierhom Giuseppe kienu jiffurmaw id-Ditta Giuseppe Darmanin e Figli*

Il-bniedem li seta' kien jaf sew kif żvolġiet il-karriera ta' Carlo Darmanin kien l-artist Giuseppe Calleja għaliex hu maħsub li kien jipprepara d-disinji meħtieġa għal xogħlijiet li l-familja Darmanin kienet taħdem fl-irħam. Interessanti l-kumment li jgħaddi Calleja fl-1861 fuq statwa tal-Madonna tar-Rużarju li l-Knisja Parrokjali tal-Furjana ġabet minn Franza. Skond Calleja l-Furjaniżi kellhom jqabbdu lil Carlo Darmanin u jsemmi bħala eżempju tal-kwalità tax-xogħol tiegħu l-istatwi tal-Fidi u l-Karità li llum jinsabu fl-isptar Monte Carmeli.[17]

Calleja seta' kien influenti wkoll fl-iżvilupp stilistiku ta' Carlo Darmanin għalkemm l-moviment purista kien b'saħħtu sew f'dak iż-żmien.



*Wiċċ ta' mejda fl-irħam. Xogħol bħal dan kien jinħadem f'Malta mid-Ditta Darmanin*

**Konklużjoni**

L-karriera artistika tal-iskultur Darmanin tiġbor fiha ħafna aktar mill-patrimonju artistiku fil-kartapesta. Darmanin kien innovattiv meta ġie biex jaħdem armar ta' barra għall-

festi u jirnexxielu jdaħħal bosta ideat ġodda bħal, ngħidu aħna, pari ta' anġli b'attributi f'idejhom ħdejn il-bieb tal-knisja. Iżda l-wirt li ħallielna jiġbor fih xogħol fl-irħam li għad jrid jiġi magħruf u studjat.

*Sandro Debono M.A.*
©2009





*Cesare u Francesca: tnejn minn ulied Carlo Darmanin*

1 Carlozz kellu mhux anqas minn sittax-il wild li kienu dawn: Emanuele, Francesco, Maria Carmela, Giuseppe, Cesare, Giuseppe, Giovanni, Guglielmo, Gerardo, Maria Josefa, Maria Vittoria, Francesca, Enrico, Lucia, Renaldo u Maria Carmela. Ara Vella, H.C.R., "Karlu Darmanin u Ħal Kirkop", Għaqda Mużikali San Leonardu, Festa 1998.

2 Stqarrija dwar il-karattru ta' Carlo Darmanin ingħatat mill-Avukat Ġenerali tal-Kuruna fl-1896.

3 Ġorġ Aquilina, Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt, Edizzjoni Tau, Malta 1986, 32, 58.

4 Ibid. L-inventarji jixhdu għall-fatt li fis-sett ta' qabel dak li ħadem Laferla kien hemm bosta xbihat tal-kartapesta.

5 Arkivju tal-Isqof, il-Furjana, Viżta Pastorali Davide Cocco Palmieri, fol. 360 r.

6 Ara E.L. Smith, A Concise History of Furniture, Thames and Hudson, 1995, 115.

7 Ara John Debono, L-Istatwa Titulari tal-Assunzjoni ta' Ħal Għaxaq u l-Iskultur Tagħha, Programm Festa Santa Marija Għaxaq, 2006, 103-115. Girada deher bħala espert tal-Qorti biex jeżamina Kurċifiss fil-kartapesta xogħol l-iskultur Vincenzo Dimech. Jingħad hekk fir-rapport *'...non potendo essere secondo l'arte poiche la cartapesta non la sua perfezione...'*

8 Arkivju Parrokkjali Għaxaq, Libro Esito della Venda. Lampada, Esito Libero, Libro R, fol. 67. *'...A Fedele Cutajar per una bradella col suo telare per la statua de Dolori donate dal Signor Carlo Darmanin'* Ara wkoll Libro Introito ed Esito della Fabbrica della Chiesa del Ssmo. Redentore, fol. 8. L-istatwa ta' qabilha, xogħol Xandru Farrugia, kienet twarrbet fl-1851 u ttieħdet fil-Knisja tar-Redentur għaliex dik is-sena kienet ġiet regalata oħra: *'...collocata la statua fin dalla costruzione di detta chiesa filiale...dacche nello scorso anno 1851 si e avuta in donazione un altra...'*

9 A. P. Gh., Vol. 9-10, Bapt. 1800-1814; Matrm. 1805-1853, fol. 97. Kunjom Xbubit ommha kien Bymer. Kienet iżżewġet lil Carlo Darmanin fil-knisja ta' Ħal Għaxaq nhar is-27 ta' Frar 1848.

10 Ibid. fol. 110. *'per bibiti a quei che hanno trasportato la statua dell'Addolorata...'*. Fl-istess żmien isir damask ġdid għan-niċċa tad-Duluri u jiżżanżan wkoll stallett tal-metall. Madankollu fuq pjanċa mwaħħla mal-pedistall tal-istatwa insibu d-data 1909 (d-data tal-mewt tal-iskultur).

11 A.P.Gh., Libro Esito della Venda. Lampada, Esito Libero, Libro R, fol. 62.

12 Ibid. Il-ħlasijiet marbutin mal-vara ta' Peppi Vella kollha saru fix-xahar ta' April filwaqt li dawk marbutin mal-istatwa ta' Carlo Darmanin saru f'Ottubru.

13 Arkivju tan-Nutara, Valletta; Atti Not. Paolo Vincenzo Frendo, fol. 3019-3022.

14 L-istatwa tixbah ferm aktar ix-xogħlijiet ta' Giuseppe Malecore (? - 1893) milli ta' Carlo Darmanin.

15 A. P. Gh., Libro Esito della Venda. Lampada, Esito Libero, Libro R , fol. 77.

16 Mejda ta' dan it-tip kienet għand Sparks Antiques (Tenterden, Kent, L-Ingilterra). Skrizzjoni fuq ix-xifer minn taħt tgħid hekk *'Queste Tavole Si Fanno in Malta nella Valletta Strada Levante No 45 da Giuseppe Darmanin, La Presente e Fatta da Salvatore suo Figlio 1833.'*

17 Ara L'Ordine, Numru 640, 4 ta' Ottubru 1861.

Ħajr lill-Profs. H.C.R. Vella u lis-Sur V. Caruana għar-ritratti antiki li qed jidhru ma' dan l-artiklu.